



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2011/0288(COD)**

4.6.2012

## **EMENDI 4 - 8**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Birgit Schnieber-Jastram**  
(PE485.889v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni

Proposta għal regolament  
(COM(2011)0628 – C7-0341/2011 – 2011/0288(COD))

AM\_Com\_LegOpinion

## Emenda 4

Franziska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE

### Proposta għal regolament

#### Premessa 51

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(51) Is-sistema ta' kundizzjonalità tinkorpora fil-PAK standards bażiċi għall-ambjent, tibdil fil-klima, kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art, saħħa pubblika, saħħa tal-annimali, saħħa tal-pjanti u *trattament xieraq* tal-annimali. Din ir-rabta għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'għarfien aħjar min-naħa ta' benefiċjarji dwar il-ħtieġa li dawk l-istandards bażiċi jitħarsu. Għandha l-għan ukoll li tikkontribwixxi biex il-PAK issir aktar kompatibbli ma' dak li s-soċjetà tistenna permezz ta' konsistenza aħjar ta' dik il-politika mal-politiki dwar l-ambjent, saħħa pubblika, saħħa tal-annimali, saħħa tal-pjanti u *trattament xieraq* tal-annimali.

##### *Emenda*

(51) Is-sistema ta' kundizzjonalità tinkorpora fil-PAK standards bażiċi għall-ambjent, tibdil fil-klima, kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art, saħħa pubblika, saħħa tal-annimali, saħħa tal-pjanti u *l-benessri* tal-annimali. Din ir-rabta għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'għarfien aħjar min-naħa ta' benefiċjarji dwar il-ħtieġa li dawk l-istandards bażiċi jitħarsu. Għandha l-għan ukoll li tikkontribwixxi biex il-PAK issir aktar kompatibbli ma' dak li s-soċjetà tistenna permezz ta' konsistenza aħjar ta' dik il-politika mal-politiki dwar l-ambjent, saħħa pubblika, saħħa tal-annimali, saħħa tal-pjanti u *l-benessri* tal-annimali. ***Il-PAK ma għandha tagħmel l-"ebda ħsara": ir-rekwiżiti statutorji ta' mmaniġġjar diġà jirrappreżentaw f'livell legali l-kwalità ambjentali minima fil-liġijiet rilevanti kollha fl-acquis: sistema effikaċi ta' kundizzjonalità flimkien ma' ekoloġizzazzjoni obbligatorja għandhom jikkonstitwixxu l-"bażi tas-sostenibbiltà", jiġifieri kuntratt mas-soċjetà sabiex iċ-ċittadini jiġu żgurati li l-flus tal-pubbliku jintefqu fuq beni pubbliċi u mhux jinħolqu spejjeż addizzjonali għat-tindif tat-tniġġis ambjentali, is-soluzzjoni ta' kriżijiet ta' saħħa pubblika, l-ispiża ta' nuqqas ta' fertilità u produttività, eċċ. PAK li ma tiddiżintegrax ir-riżorsi proprji tagħha u dawk ta' atturi oħra għalhekk tirrappreżenta l-effiċjenza baġitarja.***

Or. en

## Emenda 5

Franziska Keller, Norbert Neuser, Åsa Westlund

### Proposta għal regolament

Artikolu 110 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) produzzjoni vijabbli tal-ikel, b'enfasi fuq l-introjtu **agrikolu**, il-produttività agrikola u l-istabbiltà tal-prezz;

*Emenda*

(a) produzzjoni vijabbli tal-ikel, b'enfasi fuq l-introjtu **tal-bdiewa, il-marġini tal-prezzijiet**, il-produttività agrikola u l-istabbiltà tal-prezz;

Or. en

## Emenda 6

Franziska Keller, Norbert Neuser, Åsa Westlund

### Proposta għal regolament

Artikolu 110 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) impatt fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw tas-sussidji għall-esportazzjoni, tat-tariffi u tal-ostakoli għall-kummerċ, bħala parti minn PAK ibbażata fuq il-prinċipju tal-"ebda ħsara".**

Or. en

## Emenda 7

Åsa Westlund, Norbert Neuser

### Proposta għal regolament

Artikolu 110a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 110a**

**Il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-pajjiżi li**

*qed jiżviluppaw*

**1. Bi qbil mal-Artikolu 208 TFUE, l-impatt tal-PAK fuq il-kapaċità ta' produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fit-tul fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom ikunu suġġetti għal valutazzjonijiet regolari u indipendenti, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-impatt fuq il-produtturi lokali żgħar. Il-valutazzjoni għandha tibbaża ruħha wkoll fuq l-evidenza mressqa mill-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma sħab kummerċjali tal-Unjoni.**

**2. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt u l-proċedura tiegħu, filwaqt li tikkunsidra l-inizjattivi internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari mir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt għall-Ikel, mill-FAO u mill-Kumitat għas-Sigurtà tal-Ikel. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 112 (3).**

**3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni, l-evidenza miġjuba u r-reazzjoni politika tal-Unjoni.**

**4. L-ilmenti minn azzjendi agrikoli żgħar u gruppi affetwati f'pajjiżi li qed jiżviluppaw f'diffikultajiet serji u mhedda minn diffikultajiet serji direttament jew indirettament ikkawżati mill-politiki PAK għandhom jitressqu lill-Rapporteur Permanenti tal-Parlament Ewropew għall-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp, u għandhom jiġu rreġistrati fir-rapport annwali tal-Kummissjoni. Il-petizzjonant għandu jiġi assistit minn Uffiċjal tas-Seduta tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali sabiex jiġi**

*żgurat smigħ xieraq tal-każ. Tista' titressaq evidenza mill-gruppi affettwati jew minn partijiet interessati oħra.*

*5. Salvagwardja soċjali għandha tkun disponibbli għall-gruppi jew pajjiżi affettwati f'każ ta' impatt negattiv tal-PAK fuq is-sigurtà tal-ikel fit-tul u diffikultajiet serji kkawżati lil azzjendi agrikoli żgħar. Klawżola ta' salvagwardja soċjali għandha tkun bbażata fuq il-preċedent tal-Artikolu 25(2)(b) tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Cariforum u l-UE, li jipprevedi li tista' tittieħed miżura ta' salvagwardja meta prodott ikun qed jiġi importat fit-territorju tal-Parti l-oħra fi kwantitajiet tant kbar u taħt kundizzjonijiet tali li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw tfixkil f'settur tal-ekonomija, b'mod partikolari fejn dawn id-disturbi joħlqu problemi soċjali kbar.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Diġà jeżistu Uffiċjali tas-Seduta fid-DĠ għall-Kompetizzjoni u DĠ għall-Kummerċ. Hemm bżonn li jiġi żgurat kontribut proċedurali aktar wiesa' min-naħa tal-impreżi agrikoli u l-esportaturi tal-UE fil-konfront tal-konformità mad-drittijiet tal-bniedem u l-koerenza tal-politiki fil-qasam tal-obbligi ta' żvilupp. Għalhekk qed jiġi propost Uffiċjal tas-Seduta għad-DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.*

#### **Emenda 8**

**Birgit Schnieber-Jastram**

#### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 110a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 110a**

***Il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw***

***1. Bi qbil mal-Artikolu 208 TFUE, l-impatt tal-PAK fuq il-kapaċità ta' produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fit-***

*tul fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom ikunu suġġetti għal valutazzjonijiet regolari u indipendenti, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-impatt fuq il-produtturi lokali żgħar. Il-valutazzjoni għandha tibbaża ruħha wkoll fuq l-evidenza mressqa mill-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma sħab kummerċjali tal-Unjoni.*

*2. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt u l-proċedura tiegħu, filwaqt li tikkunsidra l-inizjattivi internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari mir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt għall-Ikel, mill-FAO u mill-Kumitat għas-Sigurtà tal-Ikel. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 112 (3).*

*3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni, l-evidenza mressqa u r-reazzjoni politika tal-Unjoni.*

Or. en